Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Onor. Imhallef Anthony Ellul

Avviz Numru: 102/10VG

**Emanuel Spiteri**

**Vs**

**Martin Buhagiar**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju 2016.

Il-konvenut appella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Dicembru 2014 li biha gie kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' €3,083.34 li tirraprezenta prezz ta' merkanzija w oggetti tal-attur li ttiehdu mill-konvenut u ma gewx ritornati.

L-aggravji tal-appellant huma li:

i. *"7. Illi l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant huwa car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta ddikjarat illi l-kuntratt ta' kera gie terminat ingustament mill-konvenut appellant kif ukoll ghamlet applikazzjoni hazina ghal dak li jirrigwardja l-piz u l-oneru tal-prova"* (fol 3);
ii. *"8. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, it-tieni aggravju tal-appellant huwa car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi ghal dak li jirrigwardja l-ispejjez tal-kawza kif ukoll dwar l-imghax legali applikabbli."* (fol 4);

L-attur wiegeb li:-

i. M'hemmx prova li l-attur kiser xi obbligu tal-kuntratt ta' lokazzjoni.
ii. Ghalkemm il-konvenut isostni li kien intlehaq ftehim biex tigi tterminata l-kirja, mid-deposizzjoni ta' Dr Philip Galea Farrugia (l-avukat li kien qieghed jassisti lill-konvenut) tali fatt ma rrizultax. Ghalhekk l-ewwel qorti qalet sew meta kkonkludiet li l-kirja tal-hanut ma ntemmitx bi ftehim.
iii. Filwaqt li l-konvenut iddikjara li l-oggetti li kien hemm fil-hanut kienu skadew u nitnu, fi stadju iehor qal li kienu nbieghu biex jithallas dak li skont hu kien dovut mill-attur. Kontradizzjoni li l-ewwel qorti rrimarkat dwarha.

iv. Il-konvenut qabad u biegh oggetti tal-attur, meta hu stess xehed li ma kienx hemm kera dovuta (seduta tat-28 ta' April 2011). Dan kien kaz fejn il-konvenut ha l-ligi b'idejh.

v. M'hemmx bazi legali ghall-aggravju dwar l-imghax.

L-attur ippropona appell incidentali fejn l-aggravji huma:

i. L-ammont li llikwidat l-ewwel qorti. L-attur isostni li gab provi sodisfacenti dwar l-ammont dovut mill-konvenut. Il-konvenut ma kkontestax l-ammont li kien qieghed jippretendi l-attur.

ii. Jekk jinghata ragun fl-ewwel aggravju, allura l-ispejjez kollha ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.

**<u>Aggravji tal-konvenut</u>**.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. Fit-twegiba li pprezenta fl-ewwel qorti, il-konvenut iddikjara li l-partijiet ftehemu li b'effett immedjat jitterminaw il-lokazzjoni.

2. Kif tajjeb qalet l-ewwel qorti *"kuntrarjament ghal dak affermat mill-konvenuti il-kirja tal-hanut ma ntemmitx bi ftehim u qbil bejnu u l-attur izda giet minnu terminata b'mod unilaterali meta f'Awissu 2008 ghalaq il-hanut u ma ippremettiex lil Abiola Spiteri, mart l-attur, tidhol u tkompli topera minn hemm."*

3. Fir-rikors tal-appell ma ntqal xejn li jista' jikkonvinci lill-qorti li l-ewwel qorti zbaljat il-konkluzjoni meta qalet li l-lokazzjoni ma gietx terminata bi ftehim. F'dan ir-rigward hi rilevanti d-deposizzjoni tal-Avukat Galea Farrugia (fol. 78-79), cjoe' l-avukat li fiz-zmien in kwistjoni kien qieghed jassisti lill-konvenut, li fl-ebda stadju tad-deposizzjoni ma ddikjara li l-kirja giet terminata. Minn dik id-deposizzjoni hu evidenti li l-konvenut diga' ha l-pussess tal-hanut meta kien ghad hemm il-merkanzija u mobbli ohra fil-hanut.

4. Il-qorti ma taqbilx mal-appellant li mill-provi rrizulta li l-attur kien moruz fil-hlas tal-kera. Fir-rikors tal-appell il-konvenut qal: *"Fil-fatt il-konvenut fix-xhieda tieghu kif ukoll mill-provi prodotti rnexxielu jipprova li* ***l-attur kien moruz fil-pagament tal-kera*** *li kienet tithallas bil-quddiem kif*

*kien ukoll moruz fil-hlasijiet ghal konsum tad-dawl u l-ilma."* Il-qorti tosserva li l-konvenut qatt ma qal hekk. Dan apparti li l-konvenut naqas milli jghid liema kienu l-provi minn fejn jirrizulta li l-attur kien moruz. Provi li fir-realta' **ma jezistux**. Dan meqjus ukoll li jirrizulta li l-qorti emnet lill-mart l-attur li qalet li kien f'Awissu 2008 li l-konvenut qabad u dahal fil-hanut u ha lura l-pussess tieghu[1]. Fil-fatt il-konvenut stess xehed li sa Awissu 2008 il-kera kienet imhallsa. Ghaz-zmien ta' wara l-qorti ma tifhimx kif l-attur seta' qatt kien moruz fil-hlas tal-kera ladarba rrizulta li kien l-agir tal-konvenuta li ppriva lill-attur mill-oggett tal-lokazzjoni.

5. Wara li l-qorti qrat l-atti, hi tal-fehma li hemm bizzejjed provi biex il-qorti tikkonkludi li effettivament il-konvenut ha l-ligi b'idejh. Ghalkemm il-konvenut isostni li l-attur kien qieghed jikser kundizzjoni tal-kirja ghaliex kien qieghed ibiegh prodotti differenti minn dawk li kellu jbiegh skond il-kuntratt ta' lokazzjoni, l-affarijiet ma jsirux hekk. Il-konvenut qal ukoll li: *"Lill-attur bghattlu diversi ittri tramite l-avukat tieghi li dak iz-zmien kien Dr Philip Galea Farruga, biex jigi u jbattal il-hanut".* Pero' naqas milli jipprezenta kopja tal-ittri li suppost intbaghatu. Sahansitra xehed li kien ta l-*cash register* u kompjuter lil ragel kunjomu Best li kien ikun hafna fil-hanut. Jekk hu veru m'hemmx prova li dan ir-ragel kien mandatarju tal-attur.

6. L-inkonsistenza bejn dak li ddikjara l-konvenut fit-twegiba li pprezenta quddiem l-ewwel qorti u dak il xehed, hi lampanti. Filwaqt li fit-twegiba qal li meta ha l-pussess tal-hanut *"... il-merca li kellu l-attur kienet tikkonsisti f'affarijiet tal-ikel li nel frattemp kienu skadew u addirittura nitnu"* u remihom, meta xehed ma semma xejn. F'dak l-istadju ta verzjoni totalment differenti, cjoe' li biegh il-merkanzija sabiex jithallas ta' tlett xhur kera sakemm tbattal il-fond (fol. 47). Skond il-konvenut, dan sar fuq proposta tar-ragel kunjomu Best. Persuna li ma harrikx biex jikkorrabora din il-verzjoni u li m'hemmx prova li kienet awtorizzata tagixxi bhala mandatarja tal-attur. Inoltre, l-konvenut m'offra l-ebda spjegazzjoni ghalfejn dik id-differenza bejn dak li ddikjara fit-twegiba u dak li xehed. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jippretendi li l-ewwel qorti kellha temmen il-verzjoni li ta. Anzi ghamlet sew li kkummentat dwar in-nuqqas ta' konsistenza u m'emnitux.

---

[1] Ghalkemm il-konvenut xehed *"F'Ottubru 2008 jiena dhalt fil-hanut u battaltu."* (fol. 46), meqjus l-inkonsistenza f'dak li ddikjara l-konvenut, l-ewwel qorti kienet gustifikata li temmen il-verzjoni li tat mart l-attur.

7. Hu minnu li hemm prova li l-attur kellu jbattal l-oggetti mill-hanut tant li giet iffissata gurnata li fiha kellu jsir dan l-ezercizzju. Fatt li jirrizulta mid-deposizzjoni tal-perit Farrugia Galea. Il-fatt li l-attur ma marx[2] ma kienx jiggustifika lill-konvenut li jiddisponi mill-oggetti.

8. Fir-rigward tal-ammont li l-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attur, l-ewwel qorti tat spjegazzjoni kif waslet ghas-somma ta' €3,083.34, cjoe:

   i. €1,250 valur ta' stock skond ma xehed Neville Chapelle, l-accountant ta' Abiola Spiteri (fol. 70-71). Ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-istokk, u dan b'riferenza ghall-appell incidentali, il-qorti taqbel mar-ragunament tal-ewwel qorti li addottat ic-cifra li mart l-attur stess tat lil Neville Chapelle bhala valur ta' *closing stock*. Ghalkemm fl-appell incidentali l-attur argumenta li, *"... l-konvenut appellant ma kkontestax il-quantum per se tal-valuri indikati..."* (fol. 30) jibqa' l-fatt li l-ewwel qorti kellha kull dritt li tasal ghal konkluzjoni a bazi tal-provi li tressqu. Kien hemm prova cara dwar x'kien il-valur ta' stock li kien hemm fil-hanut, u din kienet is-somma li Abiola Spiteri tat lill-accountant Chapelle[3]. L-attur ma ta l-ebda raguni li kienet tiggustifika li l-ewwel qorti tiskarta dik il-prova. Ghalhekk m'hemmx raguni valida sabiex din il-qorti tiskarta dak li kkonkludiet l-ewwel qorti.

   ii. €1,833.34 mobbli li kienu fil-hanut u li l-ewwel qorti qalet li ma giex pruvat li gew ritornati lill-attur tramite terza persuna. Mill-prospett li pprezentat mart l-attur (fol. 36), wiehed jista' jasal ghal din ic-cifra mill-ewwel hmistax-il oggett li jissemmew u li dwarha saru ftit domandi in kontro-ezami li pero' zgur li ma jwasslux lill-qorti biex tikkonkludi li x-xhud gidbet.

**Konkluzjoni** – il-qorti taqbel perfettament ma' dak kollu li qalet l-ewwel qorti f'dan ir-rigward.

---

[2] L-avukat Farrugia Galea qal: *"Dak li kien gara illi lejliet, minghalija lejliet, kien sar meeting, konna jiena u klijent tieghi ta' dak iz-zmien is-sur Buhagiar mas-Sur Spiteri li qed naghraf hawnhekk u l-avukat tieghu ta' dak iz-zmien li kienu Chris Cilia u l-avukat Maria Azzopardi u ftehmna biex niltaqghu ghal ghada biex jigi jbattal il-hanut. Ftehmna hin. Il-hin issa nsejt ghax ghadda z-zmien."* (fol. 78). Kompla li l-ghada mar fil-post u *".... ghamilt siegha u nofs skorruti fil-fatt nistenna, pero' ma tfacca hadd."* (fol. 79).

[3] Ix-xhud qal: *"L-istock huwa kkalkulat a bazi tar-rapprezentanzzjoni li ghamlet il-klijeta tieghi. 2008, tas-sitt xhur,.... Kien hemm stock zghir ta' one thousand, two hundred and fifty, elf mitejn u hamsin."* (fol. 70).

9. Fir-rigward tal-imghax, l-ewwel qorti ordnat li dan ghandu jithallas b'effett mit-12 ta' April 2010, data tan-notifika tal-avviz lill-konvenut. Il-qorti tqies rilevanti r-riferenza ghas-sentenza **Josephine Micallef vs Louis Zammit et**, Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tal-31 ta' Ottubru 2014 fejn gie osservat:

   *"In tema legali jigi osservat li hu ritenut li meta l-ammont mitlub ikun indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli li l-Qorti tordna li fuq dak l-ammont jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni; [ara Appell Civili Mario Sacco vs Peter Muscat Scerri, deciz 31 ta' Jannar 2003 PA; Saviour Ellul noe vs AIC Joseph Ellul Vincenti, deciz 21 ta' Jannar 2005]. "Il-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta ghax il-Qorti ma tkun illikwidat ebda ammont b'mod li tigi applikata l-massima 'in illiquidis non fit mora.' [App. Inf. Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone, deciz 17 ta' Frar 2003]. Inoltre tosserva li d-debitur m'ghandux jithalla jiehu vantagg semplicement mir-riluttanza tieghu stess li jhallas, u jiffranka l-hlas tal-imghax, bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament."*

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-konvenut u tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-attur**.

Anthony Ellul.